MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 921/1994/1

**Godfrey Grima bhala managing director ghan-nom u in rappreżentanza ta' Associated News (M) Limited**

**vs**

**Karl Grech**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Lulju 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta` attrici bhala assistant managing director;

Illi l-konvenut ittermina l-impieg mas-socjeta` attrici liema impieg beda fis-16 ta' Marzu 1992 u gie itterminat mill-konvenut kif intqal fit-30 ta' April 1994;

Illi l-kundizzjonijiet tal-impieg kienu regolati skond abbozz ta’ ftehim (hawn markat Dok A) li ghalkemm ma giex formalment iffirmat gie accettat mill-konvenut;

Illi s-socjeta` attrici adempiet l-obbligi taghha u minnha assunti fil-konfront tal-konvenut kif kien miftiehem;

Illi tenut kont tan-natura tal-impieg li kien fil-kamp tar-reklamar il-konvenut accetta li ghall-perjodu ta’ sentejn mit-terminazzjoni tal-impieg ma jkunx involut f’xoghol u negozju direttament jew indirettament li jkun jew jista' talvolta ikun dannegjanti ghall-interessi tas-socjeta` attrici;

Illi l-konvenut fil-waqt li ttermina l-impieg tieghu kompla jopera fl-istess linja ta’ negozju tas-socjeta` attrici u b’detriment ghall-interessi taghha ha ghalih jew ghall-interess tieghu bosta klientela tas-socjeta` attrici u dana kif jigi ahjar ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut kien accetta d-divjet li jkun jista jaghmel dan u accetta wkoll li t-trasgressjoni da parti tieghu tirrendih possibbli ghall-hlas ta’ penali f’ammont ta’ sitt elef lira Maltin (Lm6000) rappresentanti d-danni likwidati;

Illi s-socjeta` attrici soffriet u qeghda issofri danni minhabba l-agir illegali u abbusiv tal-konvenut kontra l-pattijiet miftehma u minnu accettati;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din il-Qorti sabiex:

1. Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut bl-agir tieghu kiser il-ftehim minnu accettat regolanti l-kondizzjonijiet tal-impieg tieghu b’daqstant li gie possibbli li jhallas id-danni ta’ Lm6000;

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont ta’ Lm6000 rappresentanti l-penali in via ta’ danni likwidati kif miftiehem u accettat mill-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt biex jidher in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu ndikata u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa s-segwenti:
1. Illi mhux minnu li kien hemm abbozzat ftehim ta’ kuntratt ta’ impieg bejn l-attur nomine u l-konvenut.

2. Illi n-nuqqas ta’ ftehim irrizulta ghaliex il-konvenut insista li biex hu jassumi l-obbligu li jhallas somma flus f’kaz li jitlaq mix-xoghol biex jibda negozju tieghu fl-istess kamp, daqstant iehor kellu jassumi obbligu l-attur nomine li wkoll ihallas somma flus fil-kaz ta’ tkeccija ngusta, liema obbligu l-attur nomine kategorikament irrifjuta li jaccetta.

3. Illi lanqas m’hu minnu li l-konvenut ghamel xi affarijiet biex ihajjar il-klijenti tas-socjeta` attrici jitilqu lill-istess biex jibdew jahdmu mieghu, kif jirrizulta ahjar mis-smiegh tax-xhieda.

4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu ndikati;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Dicembru 1994 li permezz tieghu giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Maria Dolores Gauci sabiex tigbor il-provi;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Il-kwistjoni principali fil-kawza odjerna tirrigwarda jekk kienx hemm ftehim bejn il-partijiet dwar klawsola inserita f’abbozz ta’ ftehim ta’ impjieg (esebit mill-attur *nomine*

bhala Dok. A a fol 5-8), liema klawsola enumerata 7.3 tippreskrivi l-hlas ta’ penali ta’ Lm 6,000 kemm-il darba l-konvenut, kemm waqt l-impjieg tieghu mas-socjeta` attrici, kif ukoll fi zmien sentejn mit-terminazzjoni ta’ l-imsemmi impjieg, ikollu xi interess jew b’xi mod ikun involut, kemm direttament, kif ukoll indirettament, f’xoghol jew negozju, li jista’ jkun ta’ detriment ghall-interessi tas-socjeta` attrici.

Filwaqt illi l-attur *nomine*, isostni illi l-kundizzjonijiet ta’ l-impjieg kienu regolati skond l-imsemmi abbozz ta’ ftehim, inkluz l-imsemmija klawsola 7.3, u li minkejja illi dan ma giex formalment iffirmat, gie accettat mill-konvenut, il-konvenut da parti tieghu jinnega illi huwa qatt accetta l-istess abbozz ta’ ftehim, b’mod partikolari l-imsemmija klawsola 7.3.

Jirrizulta illi l-istess abbozz ta’ ftehim ipprezentat mill-attur *nomine* mac-citazzjoni odjerna, qatt ma gie ffirmat mill-partijiet jew almenu mill-konvenut. Stante in-nuqqas ta’ firma, l-abbozz ghalhekk ma jistax wahdu jikkostitwixxi prova sufficjenti illi l-konvenut kien fil-fatt accetta l-imsemmi ftehim, u senjatament klawsola 7.3. Din il-Qorti ghalhekk trid tikkunsidra jekk kienx hemm ftehim verbali bejn il-partijiet abbazi ta’ l-imsemmi abbozz, u b’mod partikolari l-klawsola in kwistjoni, u dan ghaliex l-Att li Jirregola l-Kundizzjonijiet ta’ l-Impjieg (Kap. 135 tal-Ligijiet ta’ Malta), u cioe` l-ligi applikabbli meta sehh l-allegat ftehim bejn il-partijiet fl-1992, jiddefinixxi *kuntratt ta’ servizz* bhala “ftehim, sew jekk bil-fomm jew bil-miktub” (sottolinear tal-Qorti).

Il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi biex tezamina x-xiehda moghtija mill-attur *nomine* u mill-konvenut fis-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Maria Dolores Gauci, li hija l-unika xiehda relevanti dwar dan il-punt, apparti d-dokumenti pprezentati minn Dr. Kris Borg ghall-attur *nomine*, u cioe` Dok. GG1, GG2 u GG3 (a fol 68-81) konsistenti fi tliet *draft agreements*.

Fis-seduta tat-8 ta’ Mejju 1995, l-attur *nomine* xehed hekk (a fol 22 u 23, para. 1; 24, para. 2):

"Peress li jiena ghan-nom tal-kumpanija kont ghaddejt minn esperjenzi simili kont ghamiltha cara lill-konvenut fuq il-kondizzjonijiet tat-terminu tal-kuntratt ta' impieg. Dan jiena kont ghidtlu mill-bidu u **konna domna niddiskutu fuqu u l-konvenut qatt ma kien oggezzjona**. **Fin-negozjati ta' dan il-kuntratt il-konvenut qatt ma kellu oggezzjoni rigward il-kundizzjoni tal-kuntratt fir-rigward it-terminu tal-impieg tieghu**.

...L-klawzola 7.3 ta' dan il-kuntratt a fol. 8 tal-process ma imbidlitx, pero` **kien hemm diskussjonijiet fuqha**. Fl-1992 meta l-konvenut kien fuq "probationary period", jahdem maghna u qabel ma iffirma l-kuntratt hu kien gie jkellimni fuq il-klawsola 7.3 a fol. 8 tal-process. Dejjem kien jghid li hu ma kellu ebda problema ghall-penali tas-Lm6,000. Kien ippropona li jsir a "quid pro quo", jigifieri li jekk ahna inkeccuh qabel it-terminu tal-kuntratt ahna naghtuh somma li ma gietx specifikata l-ammont. Kont dejjem nghidlu u **argumentajt mieghu** li jekk ahna nkeccuh "without a justifiable cause" kien hemm il-Qorti bhala rimedju u l-istorja waqfet hemm. Qatt iktar fis-sentejn jew tlett snin li dam impjegat maghna ma nqalat diskussjoni fuq din il-klawzola.

...B'referenza ghall-klawzola 7.3 a fol. 8 tal-process irrid nghid li ahna ddiskutejna din il-klawzola, jiena u l-konvenut qabel ma beda jahdem maghna fl-1992 u mbaghad waqfet hemm."

Da parti tieghu, fis-seduta tat-28 ta' April 1998, il-konvenut xehed illi meta Godfrey Grima offrielu abbozz ta' kuntratt ta' impjieg, huwa kien talab li jinghata zmien sabiex jikkunsidrah u kien hemm xi klawsoli li huwa ma kienx qabel maghhom (a fol 65, para. 3). Fl-istess seduta, l-konvenut xehed hekk (a fol. 65, para. 3; 66, para. 1, 3):

"Qed jigi muri lili Dok A a fol 5 sa 8 tal-process li ghalkemm mhux iffirmat, basically u ghalkemm ma nistax nikkonferma li dan kienx zgur id-draft in kwistjoni jidher li l-ispirtu tieghu huwa draft li fil-fatt gejt offert. Il-klawzola li jiena oggezzjonajt maggorment ghaliha kienet clause 7.3

li qeghda a fol 8 tal-process. Jiena niftakar li kontipprezentajt lis-Sur G. Grima draft bil-corrections ittipjati.

…Fid-draft li jiena issottomettejt lil Godfrey Grima kien hemm klawzola li kellha tigi wara paragrafu 7.3 il-klawzola li jiena oggezzjonajt ghaliha li hija 7.3 fil-kuntratt hu ma riedx jeliminha, hemm il-klawzola ohra wara 7.3 li tirribatti b'xi mod il-klawzola 7.3. Generalment jekk niftakar sew kienet tghid li "in case of unfair dismissal, redundancy or other similar circumstances", is-Sur Grima kellu jaghti lili penali li kien hemm kontemplat fil-klawzola 7.3. Jista jkun li hija il-klawsola 7.4 fid-dokument GG1 pero minghajr il-hand written amendment, liema dokument mhux iffirmat."

Kemm fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 1999, kif ukoll fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2000, il-konvenut xehed illi huwa qatt ma accetta l-klawsola 7.3, u kien ghalhekk illi huwa baqa' ma ffirmax il-ftehim in kwistjoni (a fol 92, para. 3; 102). Ghalkemm il-konvenut, meta gie muri d-drafts ipprezentati mis-socjeta` attrici bhala Dok. GG1, GG2 u GG3, ma kienx cert dwar liema minn dawn id-drafts kienu gew mghoddija minnu lis-socjeta` attrici, u eskluda illi l-kitba fuq Dok. GG1 kienet tieghu, huwa xehed illi klawsola 7.4 f'Dok. GG1, setghet kienet il-klawsola li kien ippropona hu lill-attur *nomine*. Fil-fatt, l-imsemmija klawsola 7.4 tobbliga lis-socjeta` attrici thallas penali ta' Lm 6,000 f'kaz ta' *redundancy*, tkeccija ngusta jew tmiem ta' l-impjieg tal-konvenut, liema klawsola ma gietx accettata mill-attur *nomine*, kif jghid hu stess fix-xiehda tieghu.

Dwar ix-xiehda moghtija mill-attur *nomine*, jigi osservat illi ghalkemm l-istess attur *nomine* isostni izjed minn darba illi l-konvenut qatt ma kellu oggezzjoni fir-rigward ta' klawsola 7.3, jghid ukoll diversi drabi illi kien hemm bosta diskussjonijiet bejn il-partijiet dwarha, u sahansitra l-attur stess jammetti illi huwa kien argumenta mal-konvenut dwar il-proposta li kien ghamel l-istess konvenut, u cioe` illi tigi nkluza klawsola ohra fl-istess ftehim fis-sens illi, kemm il-darba l-konvenut jitkecca qabel it-terminu tal-kuntratt, is-socjeta` attrici kellha thallsu somma li, skond l-attur *nomine*, ma gietx specifikata u dan bhala "quid pro

quo" ghall-klawsola 7.3. Skond l-istess attur *nomine* l-istorja waqfet hemm u qatt ma regghet inqalghet diskussjoni fuq dan il-punt. Madankollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ma jfissirx illi l-konvenut kien accetta l-obbligi mposti fuqu minn klawsola 7.3. Il-fatt illi kien hemm diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar dan il-punt, u argumenti bejniethom dwar il-klawsola proposta mill-konvenut, li l-attur *nomine* ma riedx jaccetta bl-ebda mod, kif fil-fatt kkonferma wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (pagna 3, para. 4, 5), jindika illi fil-fatt ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet: da parti tal-konvenut, fir-rigward ta' klawsola 7.3 kemm-il darba ma kienx ser jigi milhuq ftehim dwar klawsola li b'xi mod kienet ittaffi dan l-obbligu li kien qieghed jigi mistenni li jassumi l-konvenut, u da parti ta' l-attur *nomine* dwar il-klawsola proposta mill-istess konvenut.

It-tezi ta' l-attur *nomine* fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu dwar il-klawsola proposta mill-konvenut (pag. 3, par. 5) illi "*in-nuqqas ta' accettazzjoni tas-socjeta`attrici hija ghal kollox irrelevanti ghal din il-kawza, stante li din il-kawza hija dwar jekk accettax il-penali l-konvenut, u mhux dwar x'kondizzjonijiet m'accettatx is-socjeta` attrici*", ma tregi bl-ebda mod, izda anzi tkompli tikkonferma illi l-partijiet baqghu ma lahqux ftehim dwar il-klawsoli in kwistjoni, u b'mod partikolari illi l-konvenut ma accettax li jassumi l-obbligi mposti fuqu mill-klawsola 7.3. L-attur *nomine* stess, fin-nota tieghu (pag. 3, para. 5), jikkwota t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u sahansitra jinsisti dwarha u jikkonfermaha. It-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens illi "*n-nuqqas ta' ftehim irrizulta ghaliex il-konvenut insista li biex hu jassumi l-obbligu li jhallas somma flus f'kaz li jitlaq mix-xoghol biex jibda negozju tieghu fl-istess kamp, daqstant iehor kellu jassumi obbligu l-attur nomine li wkoll ihallas somma flus fil-kaz ta' tkeccija ngusta, liema obbligu l-attur nomine kategorikament irrifjuta li jaccetta*."

Ghalhekk l-attur *nomine* jikkonferma kemm illi kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet dwar il-klawsoli msemmija, kif ukoll illi l-accettazzjoni tal-konvenut ghall-klawsola 7.3 kienet dipendenti mill-accettazzjoni tas-socjeta` attrici ghall-klawsola proposta mill-istess

konvenut, liema klawsola l-attur *nomine* jinsisti li ma gietx accettata minnu.

Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi illi l-konvenut qatt ma accetta li jintrabat b'klawsola 7.3, tant illi l-abbozz ta' ftehim ipprezentat mill-attur *nomine* huwa baqa' ma ffirmahx.

Ghal din ir-raguni, il-Qorti thoss illi m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjonijiet l-ohra mqajma mill-partijiet fil-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------